III

*(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2008/651/PESK/ĠAI

**tat-30 ta' Ġunju 2008**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data mir-record ta' l-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) derivata mill-UE minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Doganali Awstraljan**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 24 u 38 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-28 ta' Frar 2008 l-Kunsill iddeċieda li jawtorizza lill-Presidenza, assistita mill-Kummissjoni, biex tiftaħ negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' *data* mir-record ta' l-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) derivata mill-Unjoni Ewropea minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Doganali tad-Dwana Awstraljan. Dawk in-negozjati kellhom suċċess u tfassal abbozz ta' Ftehim.

(2) Dan il-Ftehim fih assigurazzjonijiet dettaljati għall-protezzjoni tad-*data* tal-PNR trasferita mill-Unjoni Ewropea rigward titjiriet tal-passiġġieri lejn jew mill-Awstralja.

(3) L-Awstralja u l-Unjoni Ewropea perjodikament jirrivedu l-implimentazzjoni tal-Ftehim sabiex il-Partijiet ikunu jistgħu, fid-dawl ta' tali reviżjoni, jieħdu kwalunkwe azzjoni meqjusa neċessarja.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(5) L-Artikolu 15(2) tal-Ftehim jipprevedi li l-Ftehim jiġi applikat proviżorjament sa mid-data tal-firma. L-Istati Membri għandhom għalhekk jagħtu effett lid-dispożizzjonijiet tiegħu sa minn dik id-data f'konformità mal-liġi nazzjonali eżistenti. Dikjarazzjoni għal din il-fini issir fil-ħin tal-firma tal-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data mir-record ta' l-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) derivata mill-Unjoni Ewropea minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Doganali Awstraljan, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill hu b'dan awtorizzat biex jaħtar il-persuni awtorizzati biex jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni Ewropea, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 3*

Skond l-Artikolu 15(2) tal-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għandhom, pendenti d-dħul fis-seħħ, jiġu applikati fuq bażi proviżorja f'konformità mal-liġi nazzjonali eżistenti sa mid-data tal-firma. Id-Dikjarazzjoni annessa dwar l-applikazzjoni proviżorja għandha ssir fil-ħin tal-firma.

Magħmula fi Brussell, 30 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. RUPEL

*ANNESS*

**Dikjarazzjoni li ġhandha ssir f'isem l-unjoni ewropea meta jiġi ffirmat il-ftehim bejn l-unjoni ewropea u l-awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data mir-record ta' l-ismijiet tal-passiġġieri (pnr) derivata mill-unjoni ewropea minn trasportaturi bl-ajru lis-servizz doganali awstraljan**

"Dan il-Ftehim, filwaqt li ma jidderogax minn jew ma jemendax l-liġi ta' l-UE jew ta' l-Istati Membri taġhha, jiġi, pendenti d-dhul tieġhu fis-seħh, implimentat proviżorjament mill-Istati Membri in bona fede, fil-qafas tal-liġijiet nazzjonali eżistenti taġhhom."